**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr Edwina Grima, LL.D.**

**Appell Nru: 7623/2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Michael Borg**

Illum, 26 ta' Lulju 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Michael Borg, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 98875(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, għax-xhur minn Ottubru 2022, Novembru 2022, Jannar 2023 u Frar 2023, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt, naqas li jagħti lil Rita Gatt u/jew lil uliedu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bħala manteniment għaliha u/jew għall-ulied fi zmien 15-il jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, kellha titħallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-5 ta' Frar 2024, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 7(2), l-Artikolu 12, l-Artikolu 18

u l-Artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundanatu għal xahar detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant, Michael Borg, ippreżentat fid-19 ta' Frar 2024, fejn talab lil din l-Qorti sabiex:

1. Tirrevoka s-sentenza fejn instab ħati mill-Ewwel Qorti u minflok tilliberah minn kull ħtija;
2. Mingħajr ebda preġudizzju u fl-eventwalita' li l-ewwel talba ma tiġix milqugħa, tħassar dik il-parti tas-sentenza fejn filwaqt li tikkonferma dik il-parti fejn sabitu ħati talli naqas milli jagħti manteniment għax-xhur ta' Jannar 2023 u Frar 2023, tiddikjarah mhux ħati li naqas li jħallas il-manteniment għax-xhur t'Ottubru 2022 u Novembru 2022;
3. F'kaz li tintlaqa' it-tieni talba su riferita, u anke fl-eventwalita' li l-Qorti tikkonferma l-ħtija tiegħu tal-akkuża hekk kif dedotta fil-konfront tiegħu, tirriforma s-sentenza appellata b'tali mod li tipprovdi għal piena aktar ekwa u ġusta għall-kaz odjern.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali pprezentata *seduta stante* nhar id-19 t'April 2024.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat li nhar id-19 t'April 2024, id-difiża ddikkjarat illi l-manteniment marbut ma' l-imputazzjoni odjerna llum jinsab mħallas, liema dikjarazzjoni kienet ikkonfermata mid-difensur tal-parti offiża.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, għalkemm l-appellant ħallas il-pendenzi kollha dovuti in konnessjoni ma' dan il-każ fil-mori ta'l-appell, huwa xortawaħda baqa' jinsisti fuq l-innoċneza tiegħu u għalhekk aggravat bis-sentenza appellata nsista illi l-aggravji minnu vventilati fir-rikors tal-appell tiegħu jiġu determinati minn din il-Qorti.

Illi, fl-ewwel aggravju tiegħu l-appellant jinsisti illi l-azzjoni penali hija perenta billi ma kienx notifikat fit-terminu ta' sitt xhur minn meta ġie kkunsmat ir-reat lilu addebitat. Illi, r-reat kontravvenzjonali addebitat lill-appellant, huwa kkunsmat hekk kif jiskadu ħmistax-il jum mid-data meta l-pagament ordnat jew miftiehem kellu jsir.

Illi, kif kien deċiż fis-sentenza ta' din l-Qorti, diversament preseduta, fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Joseph Galea" datata it-3 ta' Novembru 1995 –

> **... Illi kif gja gie ritenut minn din il-Qorti, r-reat kontravvenzjonali istantaneju jigi kommess b'eghluq ta' hmistax il-jum wara d-data ta l-iskadenza li tkun u mhux fid-data tal-iskadenza. (ara.App.Krim. "Il-Pulizija vs.David Camilleri" [22.3.2005])**
>
> **"Issa s-subinciz (z) tal-artikolu 338 tal-Kap.9, kif emendat, jiddisponi li :- " 'Huwa hati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku , kull min – meta…..hekk marbut b' kuntratt jonqos li jaghti lil martu….. , is-somma …..stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghaliha…u jew ghall-ulied , fi zmien hmistax il-jum minn dak il-jum li fih skond …dak ilkuntratt , ikollha thallas dik is-somma.' "Ghalhekk din il-kontravvenzjoni, fil-kaz tal-appellant, kienet tiskatta appena jigi il-hmistax il-jum wara kull data ta' kull skadenza settimanali w hu jkun naqas li jhallas is-somma stipulata lil martu sa dak in-nhar."**

Illi, l-appellant jinsab mixli bil-forma kontinwata tar-reat kontravvenzjonali mfassal fl-artikolu 338(ż) tal-Kodiċi Kriminali, u dan meta huwa akkużat li naqas milli jħallas il-manteniment lil martu għax-xhur ta' Ottubru u Novembru 2022 u imbagħad għax-xhur ta' Jannar u Frar 2023. L-appellant jikkontendi illi ġaldarba il-manteniment tħallas għax-xahar ta' Diċembru 2022, kwindi l-azzjoni penali fil-konfront ta' din il-vjolazzjoni tal-liġi għal dawn ix-xahrjen hija perenta bid-dekors ta' sitt xhur. Imbagħad fir-rigward tax-xhur ta' Jannar u Frar 2023, ma hemm ebda prova fl-atti li tindika illi l-appellant kien notifikat fit-terminu konċess fil-liġi.

Illi huwa minnu li għalkemm l-appellant huwa mixli bil-kummissjoni tar-reat kontravvenzjonali maħsub fl-artikolu 338(ż) tal-Kodiċi Kriminali, madanakollu jinsab mixli bir-reat fil-forma kontinwata' tiegħu, kif ingħad. Jikkonsegwi għalhekk illi fit-termini tad-diċitura ta'l-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali għalkemm il-vjolazzjoni tal-liġi tkopri diversi xhur, madanakollu dan għandu jitqies bħala reat wieħed.

> **17. Jiġifieri l-istitut tar-reat kontinwat huwa finzjoni legali li huwa maħsub li jivvantaġġja lill-imputat in kwantu jevita li f'każ ta' sejbien ta' ħtija għad-diversi infrazzjonijiet tal-Liġi l-imputat jeħel pieni kumulattivi. Mill-banda l-oħra dan jimporta miegħu żvantaġġ li allura l-preskrizzjoni fir-rigward tar-reat istantaneju tkun regolata b'mod differenti milli dak ir-reat ikun qiegħed jiġi prosegwit mingħajr ma jiġi imputat fil-kuntest tar-rabta tar-reat kontinwat. Jiġifieri jekk sensiela ta' infrazzjonijiet jifformaw għadd ta' reati istantaneji u jiġi imputati bħala tali mingħajr ma jiġu minsuġa flimkien mill-Prosekuzzjoni bħala reat kontinwat ai termini tal-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali, dawk ir-reati jiġu regolati mhux bħala reat kontinwat[1].**

*A contrario senso* allura meta f'dan il-każ l-appellant huwa mixli bl-infrazzjoni tal-liġi fil-forma kontinwata, kwindi dan għandu jitqies bħala reat wieħed li jibbenfikah fir-rigward tal-piena billi mhux ser jkun ikkundannat piena separata għal kull infrazzjoni, iżda it-terminu tal-preskrizzjoni għandu jkun ikkalkulat mill-aħħar vjolazzjoni tal-liġi lilu imputata u ċioe' minn Frar 2023.

Issa mill-atti jemerġi illi ċ-ċitazzjoni ħarġet fl-1 ta' Awwissu 2023 madanakollu ma hemm ebda prova fl-atti li tindika meta effettivament l-appellant kien notifikat biha. Il-Prosekuzzjoni fil-mori ta'l-appell, għalkemm kienet konxja illi l-appellant issa fi stadju ta' reviżjoni kien qed iqanqal l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, kif għandu kull dritt illi jagħmel, madanakollu ma ressqet ebda talba quddiem din il-Qorti sabiex issir il-prova tan-notifika. Tqis li fin-nuqqas ta' riferta fl-atti li setgħet tindika d-data meta l-appellant kien notifikat, din il-Qorti għandha tieħu id-data meta l-appellant l-ewwel deher quddiem il-qorti bħala dik id-data meta seħħet l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni billi hija l-unika data li l-Qorti tista' torbot fuqha bħala prova ta' notifika. Din seħħet fis-06 ta' Novembru 2023 u allura ferm wara li kien skada it-terminu ta' sitt xhur maħsub fil-liġi.

---

[1] Il-Pulizija vs Carmelo Sammut – App.Inf – 21/01/2021

Illi kuntrarjament għal dak li jikkontendi l-Avukat Ġenerali, bil-fatt li l-appellant deher fil-qorti u ikkontesta l-każ miġjub kontrih ma jfissirx li kien qed jirrinunzja għall-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, b'din saħanistra tista' titqanqal mill-Qorti anke *ex officio.* Dan l-argument ireġi biss meta jkun hemm kontestazzjoni dwar ir-regolarita' tan-notifika kif hemm maħsub fir-regolament 4(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 9.22, iżda mhux f'każ fejn ma hemmx riferta eżebita fl-atti li tindika ċar u tond meta l-ġudikabbli ikun ġie notifikat. Ifisser għalhekk illi l-Qorti tista' tqis biss illi d-data tas-06 ta' Novembru 2023, id-data tal-ewwel dehra tal-appellant fil-qorti, bħala il-jum meta bil-preżenza tiegħu huwa kien qiegħed jikkonferma in-notifika tiegħu u jissottometti ruħu għall-ġudizzju tal-Qorti.[2]

Illi l-aħħar ksur tal-liġi kommess mill-appellant seħħ fix-xahar ta' Frar tas-sena 2023, bl-appellant jkun mixli bir-reat fil-forma kontinwata tiegħu fit-termini ta'l-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali u għaldaqstant l-azzjoni penali kienet taqa' bid-dekors ta' sitt xhur f'Awwissu tas-sena 2023. Mill-eżami tal-atti proċesswali jirriżulta, kif ingħad, illi l-appellant deher għall-ewwel seduta quddiem l-Ewwel Qorti fis-06 ta' Novembru 2023 u ressaq il-kontestazzjoni tiegħu dwar il-każ, liema data hija l-unika waħda li l-Qorti tista' tqis bħala dik fejn seħħet l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni, kif diġa' ingħad, data meta l-perijodu tal-preskrizzjoni ta' sitt xhur kien laħaq iddekorra. Huwa evidenti għalhekk illi l-appellant għandu raġun fl-ewwel aggravju imressaq minnu, li ser ikun milqugħ.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-ewwel aggravju imqanqal mill-appellant, tgħaddi għalhekk biex tirrevoka is-sentenza appellata u tiddikjara l-azzjoni kriminali meħuda kontra l-appellant bħala preskritta.

**Edwina Grima**

**Imħallef**

---

[2] Il-Pulizija vs Malcolm said – App. Inf. – 25/07/2019